Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,635, 30 ta' April, 2026

Taqsima B

A.L. 131 tal-2026

ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Ministru responsabbli għall-impjiegi u r-relazzjonijet industrijali għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2026 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"ordni prinċipali".

L.S. 452.127.

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Gazzetta.

Jemenda l-artikolu 1 tal-ordni prinċipali.

2. L-artikolu 1 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikolu (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subartikolu ġdid li ġej:

"(1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni sabiex jirregola l-Kondizzjonijiet tax-Xogħol tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "tal-imsemmija attività." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-imsemmija attività:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda f'każ illi jkun hemm ftehim kollettiv applikabbli għall-klassi ta' ħaddiema li huma koperti b'dan l-ordni, il-kondizzjonijiet l-iktar favorevoli f'dak il-ftehim jew f'dan l-ordni għandhom jipprevalu.".

Jemenda l-artikolu 10 tal-ordni prinċipali.

3. Is-subartikolu (1) tal-artikolu 10 tal-ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu (a) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) tlett ijiem (3) ta' xogħol leave għal-luttu;";

(b) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) tlett ijiem (3) ta' xogħol leave għal żwieġ;".